**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 2/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 26.**

**Daniel Axisa (K.I.418985M)**

**5, Sqaq Muxi,**

**Zabbar**

**Vs**

**Environmental Landscapes Consortium Ltd**

**Wied Incita Nurseries,**

**Mdina Road,**

**Attard**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fl-04 ta' Jannar, 2017 li permezz tieghu talab minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' seba' mija u hdax-il ewro (€711) rapprezentanti hsarat kagunati mill-istess socjeta' fuq il-vettura tal-attur FBG 784 meta fis-06 ta' Settembru, 2016 impjegati tas-socjeta' intimata kkagunaw hsara fl-imsemmija vettura waqt li kienu qed jizbru s-sigar fi Triq San Piju X, Santa Lucija fejn kienet ipparkjata; li bi

traskuragni u rresponsabbilta' l-impjegati tas-socjeta' intimata qatghu l-frieghi tas-sigar permezz ta' cherry picker target ELC 038 li waqghu fuq il-vettura tal-attur.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fol 15 li permezz taghha eccepew li t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li huwa ma huwiex minnu li giet ikkagunata xi hsara fil-vettura tal-attur minhabba xi traskuragni u rresponsabilita' tas-socjeta' intimata jew impjegati taghha; li inoltre kwalunkwe hsara li qed jallega li ghandu l-attur fil-vettura tieghu hija hsara se mai kawzata minn terzi mhux maghrufa u/jew minnu stess u mhux mis-socjeta' intimata jew impjegati taghha.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li joqghod Santa Lucija u li fis-06 ta' Settembru, 2016 filghodu halla l-vettura tieghu FBG 784 pparkjata fi Triq San Piju X, Santa Lucija fit-8.30 ta' filghodu. Huwa dakinhar kien qieghed id-dar u sema' hafna storbju li ra nies b'cherry picker tas-socjeta' konvenuta jizbru s-sigar fejn kellu l-vettura. Fejn joqghod huwa fi Triq Maria De Domenici din tinsab hdejn it-triq li fiha pparkja l-karozza. Huwa beda jajtilhom biex jieqfu jqattghu s-sigar fuq l-vettura tieghu izda bl-istorbju ma semghux u nizel malajr u kif wasal ghal habta tad-9.45am sab il-karozza tieghu b'diversi frieghi ta' sigar fuqha li waqghu wara li nqatghu mis-sigar. Huwa ha ritratti tal-vettura tieghu u tac-cherry picker target ELC 038 u mar ikellem lill-Kunsill Lokali fejn qalulu biex jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u hekk ghamel.

Huwa lill-haddiema ma kellimhomx ghax beza li jagreduh u huwa kien wahdu. Tabelli jew sinjali ma kienx hemm meta huwa pparkja l-karozza. Huwa spjega li hallas seba' mija u hdax-il ewro (€711) biex sewwa l-hsarat fil-vettura tieghu liema somma tirraprezenta sitt mija u tlieta u ghoxrin ewro (€623) ghal fanali li tkissru bil-piz taz-zkuk tas-sigar u sitt mija u disgha u erbghin ewro (€649) ghal spray tal-partijiet li gew migrufa mid-diversi frieghi li tas-socjeta' konvenuta waqqghu fuq il-vettura tieghu.

A fol 32 l-attur xehed *viva voce* u spejga r-ritratti u d-dokument li pprezenta li ha dakinhar stess x'jirraprezentaw u li z-zkuk ma gabarhomx hu u r-ritratti jixhdu dan.

In kontro-ezami huwa xehed li ma jiftakarx li ha ritratt tas-sigra mizbura. Dwar il-fanali huwa spjega li dawn kienu ta' wara u jichad li l-fanali kienu miksurin minn qabel.

A fol 27 xehed Randolph Spiteri, Deputy General Manager tas-socjeta' konvenuta, li spjega li l-Kunsill Lokali ghamel it-tabelli biex l-vetturi f'dik it-triq ma jipparkjawx u l-unika vettura li ma tnehhietx kienet l-vettura tal-attur u zbir tas-sigra fuqha ma sarx. Gara li l-haddiema raw lill-attur jigbor l-izkuk daqs subajh li skont hu dawn ma tghidilhomx zkuk.

A fol 31 l-attur ghalaq il-provi tieghu.

A fol 42 xehed Martin Cutajar li jahdem mas-socjeta' konvenuta u li kien fuq l-lant tax-xoghol dakinhar fis-06 ta' Settembru, 2015. Huwa xehed li sinjali kien hemm u huma bdew inehhu l-karozzi kollha barra l-vann li ma tnehhiex. Huma zabru s-sigar tat-triq kollha u kif waslu isfel raw ragel idur mal-van u beda igezzez il-frieghi mal-vann u jiehu r-ritratti tal-vann. Xi nofs siegha wara nizel selmilhom u daqshekk. L-attur ma kellimhom xejn. Meta muri r-ritratt a fol 3 huwa spjega li l-attur beda jgeddishom hekk u jiehu r-ritratti. Huma kienu qabzu s-sigra li kienet taghti ghal fejn kienet ipparkjata l-karozza minhabba li kien hemm il-karozza pparkjata.

In kontro-ezami a fol 50 l-attur xehed li spjega li huma cones ghamel mat-triq u mhux tabelli. Mistoqsi kien is-sidien tal-karozzi jkunu jafu li ser isiru x-xogholijiet f'dik it-triq partikoli huwa wiegeb li l-ohrajn l-vettura nehhewha kollha barra hu. L-attur kien ghadda minn ma' genbhom u selmilhom u dan kien kif waslu fil-kantuniera isfel. Il-hsarat saru fil-fanali ta' wara fuq kull naha tal-vettura.

A fol 45 xehed Noel Terribile, gardinar mas-socjeta' konvenuta, li kien xoghol dakinhar. Spjega li kien hemm it-tabelli tal-Kunsill u marru biex jaqtghu s-sigar – zbir, weraq u frieghi. It-triq kienet vojta u kien hemm vann fin-nofs. Huma bdew jaqtghu minn fuq u l-van qabzuh u baqghu nezlin jaqtghu u jressqu l-cones. Raw ragel jaqbad il-weraq

tas-sigar u jdawwhom maghha imbaghad qabad jiehu r-ritratti u ma kellimhom xejn. Huwa rega tenna li rawh iferrex il-frieghi mal-vann.

In kontro-ezami a fol 52 Terribile kkonferma li l-Kunsill ghamel it-tabelli u huma ghamlu l-cones. Mistqosi mir-ritratti jghid fejn jidhru t-tabelli mwahhlin x-xhud wiegeb li huma cones jaghmlu. Huwa rega kkonferma li raw ragel hiereg minn got-triq minn god-dar iferrex il-haxix mal-karozza li kien hemm u beda jiehu r-ritratti u wara selmilhom u baqa' niezel. Huma ghandhom ordni li ma jaqtghux fuq karozzi. Mistoqsi juri fejn mir-ritratti jidher xi cone huwa spejga li dawn kienu nehhewhom huma hekk kif resqu aktar l-isfel .

Ra l-verbal tal-partijiet tal-21 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi.

Semgha lill-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha prodotti.

Ikkunsidra,

Li din hija kawza ghal danni kagonati fil-vettura tal-attur meta fis-06 ta' Settembru, 2016 impjegati tas-socjeta' konvenuta kienet qed jizbru s-sigar fi Triq San Piju X, Santa Lucija filghodu fejn l-attur halla l-vettura tieghu l-vann FBG 784 pparkjata. L-attur jghid li kif ra c-cherry picker mid-dar tieghu huwa nizel jigri u ha r-ritratti u lil haddiema ma kellimhomx ghax bezgha filwaqt li l-haddiema tas-socjeta' attrici spjega li rah lill-attur iferrex il-frieghi mal-van u wara jiehu r-ritratti u lilhom selmilhom u ma kellimhom xejn.

Issa ghal dak li jirrigwarda responsabbilita' ta' dak li gara skont l-Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li:

*"Kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu (**Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Civili 3.12.1991).*

Illi ai termini tal-Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16:

*"Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja."*

Illi fis-sentenza **Anthony Zerafa vs Joseph Sacco** Prim Awla RCP 29.3.2001 jinghad li:

*"Minn dawn l-artikoli ma hemm l-ebda dubju li min minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mil-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lil haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili."*

Issa huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li '*min ifittex ghad-danni irid jipprova mhux biss l-att jew omissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew omizzjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti' (Kollez Vol XXX p 111 p 142).*

Illi f'din il-kawza ghandna wkoll zewg verzjonijiet konfligenti – l-attur jghid li ha c-cherry picker tas-socjeta' konvenuta u li meta zabru s-sigar dawn ikkawzaw danni fil-vettura tieghu filwaqt li s-socjeta' konvenuta permezz tal-impjegati taghha li kienu fuq l-lant tax-xoghol tghid li l-attur qaghad jifrex l-frieghi madwar il-vann qabel ma ha r-ritratti li esebixxa f'din il-kawza.

Dan it-Tribunal fela sew ir-ritratt a fol 35 esebit mill-attur u l-istess dokument Dok DA1 u c-cherry picker Dok dA2 li bih kienu qed jahdmu l-haddiema dakinhar kif mehud mill-attur stess u jsibha ferm difficli li jemmen il-verzjoni tal-attur tenut kont li c-cherry picker kif inhu bhala mudell u pparkjat quddiem jew wara tal-vann ma jista qatt ikun li l-frieghi maqtugha jaqghu bil-mod kif jidhru fir-ritratt Dok DA1 u fol 35. Anzi jidher car li dawn gew irrangati u ghalhekk dan it-Tribunal qed jemmen il-verzjoni li taw il-haddiema tas-socjeta' konvenuta meta xehdu li rawh jirranga l-frieghi qabel ha r-ritratti. Anke l-fatt li

l-attur jghid li ma ghamel ebda reazzjoni mal-haddiema ghax skont hu beza minnhom ma tistax titwemmen tenut kont li wiehed kien jaqta' l-frieghi u l-iehor kien fic-cherry picker.

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-Gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-Gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 08 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-Gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jemmen il-verzjoni tal-akkadut kif qed jallega l-attur u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jichad it-talbiet tal-attur.

Spejjez a karigu tal-istess attur.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**